

MINUTI TAS-SEDUTA TAT-TLIETA, 26 TA' NOVEMBRU 2013

(2014/C 64/02)

Werrej	Paġna
1. Tema urġenti nru 1: Sigurtà fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar	5
2. Rispett għall-istat tad-dritt u r-rwol ta' ġudikatura imparzjali u indipendenti	5
3. Il-kooperazzjoni istituzzjonali bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea	6
4. L-impatti soċjali u ambjentali tal-pastoraliżmu għall-pajjiżi tal-AKP	6
5. Lejn governanza ġdida għall-finanzjament tal-iżvilupp:	6
i. L-użu tar-riżorsi naturali	6
ii. <i>Ir-riforma fiskali u r-ridistribuzzjoni tal-ġid</i>	6
iii. Il-kooperazzjoni deċentralizzata	7
6. Kwistjonijiet varji	7

MINUTI TAS-SEDUTA TAT-TLIETA, 26 TA' NOVEMBRU 2013

(Is-seduta nfethet fid-09.15)

PRESIDENZA: Louis MICHEL

Kopresident

1. Tema urġenti nru 1: Sigurtà fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar

Jose Costa Pereira (SEAE) għamel preżentazzjoni dwar is-sigurtà fir-reġjun tal-Lagi Kbar.

Kelliema: Mariya Gabriel, Laurent Ngon-Baba (Repubblika Ċentru-Afrikana), Norbert Neuser, Christophe Lutundula (Repubblika Demokratika tal-Kongo), Fiona Hall, Tesfaye Daba (Etjopja), Mo-Mamo Karerwa (Burundi), Jean-Jacob Bicep, Adjedoue Weidou (Ċad), Jacob Oulanyah (Uganda), Dambert René Ndouane (Repubblika tal-Kongo), Slavi Binev, Simon Vuwa Kaunda (Malawi), Hans-Peter Mayer, Mohammed Mukhtar Ahmed (Niġerja), Louis Michel u Ana Gomes

Il-kelliema laqgħu l-iżviluppi reċenti fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), b'mod partikolari t-telfa tal-moviment M23. Il-Membri enfasizzaw, madankollu, li soluzzjoni purament militari ma kinitx biżżejjed, u enfasizzaw it-tħassib tagħhom rigward il-kriżi umanitarja u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem (b'mod partikolari kontra n-nisa u t-tfal). Il-kelliema nnotaw l-bżonn li l-Gvern tar-RDK jintroduċi riformi politiċi u istituzzjonali wiesgħa, b'mod partikolari fis-settur tas-sigurtà. Dan ikun jeħtieġ impenn sostnut tal-komunità internazzjonali, kif previst mill-Ftehim Qafas iffirmat fi Frar 2013. Kien hemm ukoll il-bżonn ta' prevenzjoni ta' sakkeġġ ta' riżorsi naturali għall-fjuwil tal-kunflitt fir-RDK u fil-Lagi l-Kbar.

2. Rispett għall-istat tad-dritt u r-rwol ta' ġudikatura imparzjali u indipendenti

Kumitat għall-Affarijiet Politiċi

Korapporteurs: Dharamkumar Seeraj (Gujana) u Filip Kaczmarek

Filip Kaczmarek and Dharamkumar Seeraj (Guyana) *ippreżenta r-report*. Dharamkumar Seeraj (il-Gujana) u Filip Kaczmarek

Kelliema: Mariya Gabriel, Achille Marie Joseph Tapsoba (Burkina Faso), Juan Fernando Lopez Aguilar, Laurent Ngon-Baba (Repubblika Ċentru-Afrikana), Olle Schmidt, Nita R. K. Deerpalsing (Mawrizju), François Alfonsi, Tesfaye Daba (Etjopja), Alban Sumana Kingsford Bagbin (Gana), Moses Y. Kollie (Liberja), Hans-Peter Mayer, Abdourahamane Chegou (Niġer), Derek Vaughan, Adjedoue Weidou (Ċad), Ana Gomes, Komi Selom Klassou (Togo), Jacob Oulanyah (l-Uganda), Joyce Laboso (Kenja) u Francesca Mosca (Kummissjoni Ewropea)

Il-Membri enfasizzaw l-importanza li jinstab bilanċ bejn il-poter leġiżlattiv, eżekuttiv u ġudizzjarju u enfasizzaw l-konsegwenzi ta' nuqqas ta' rispett tal-istat tad-dritt, f'termini ta' korruzzjoni, nuqqas ta' investiment u tnaqqis ekonomiku. Huma insistew fuq

il-ħtieġa għal proċedura ta' ħatra indipendenti u sistema dixxiplinari għall-imħallfin u l-prosekuturi u għibdu l-attenzjoni għall-fatt li għidkatura kompetenti tkun ir-riżultat ta' proċess fit-tul li jirrikjedi edukazzjoni ċivika sistematika minn età bikrija ħafna. Il-Membri ħeġġew l-iskambju ta' Prattiki tajba fost il-pajjiżi AKP b'esperjenza ta' sitwazzjonijiet simili u talbu għajjnuna kontinwa fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet.

Il-korapporteurs Dharamkumar Seeraj (Gujana) and Filip Kaczmarek għalqu d-dibattitu.

Francesca Mosca (Kummissjoni Ewropea) għamlet r-rimarki konklużivi

3. Il-kooperazzjoni istituzzjonali bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea

Dibattitu ċentrali

Erastus Mwencha, Viċi President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, għamel preżentazzjoni dwar il-kooperazzjoni istituzzjonali bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea.

Kelliema: Gay Mitchell, Ana Gomes, Olle Schmidt, Adjedoue Weidou (Ċad), Jean-Jacob Bicep, Slavi Binev, Peter Štastný, Jo Leinen, Tesfaye Daba (Etjopja), Mariya Gabriel, James Kembigitura (Kenja)

Għalkemm l-Unjoni Afrikana m'għandhiex neċessarjament issewgi l-mudell tal-Unjoni Ewropea eżattament, il-prinċipji fundamentali, bħaż-żieda fil-interdipendenza bejn l-Istati Membri u s-solidarjetà fil-livelli kollha, għandhom jiġu segwiti. Ċerti Membri ddispiacijom li l-għajjnuna ma ntefqux b'mod effikaċi u li l-valuri komuni li fuqhom is-sħubija kienet ibbażata ma kinux qed jittqieghdu fil-prattika. Uħud enfasizzaw il-kumplessità ta' pjattaformi multipli b'ġeografija varjabbli. Il-Membri tal-AKP assiguraraw lill-kollegi tagħhom li jekk jittjiebu r-relazzjonijiet mas-sħab il-ġodda din ma tfixkilx is-sħubija tagħhom mal-Unjoni Ewropea li ilha stabbilita. Il-Membri ħeġġew ukoll il-kooperazzjoni eqreb dwar kwistjonijiet globali bħall-migrazzjoni u t-tibdil fil-klima.

Erastus Mwencha wieġeb il-mistoqsijiet magħmula mill-Membri.

Francesca Mosca (Kummissjoni Ewropea) u Jose Costa Pereira (SEAE) ikkonkludew id-dibattitu.

(Is-seduta ġiet aġġornata fil-12.15 u kompliet fit-15.08)

PRESIDENZA: Joyce LABOSO

Kopresident

4. L-impatti soċjali u ambjentali tal-pastoraliżmu għall-pajjiżi tal-AKP

Kumitat għall-Affarijiet Soċjali u l-Ambjent

Korapporteurs: Abdourahamane Chégo (Niġer) u Fiona Hall

Fiona Hall u Abdourahamane Chégo (Niġer) ippreżentaw ir-rapport.

Kelliema: Boniface Yehouetome (Benin), Horst Schnellhardt, Norbert Neuser, Catherine Bearder, Michèle Rivasi, Selom Klassou (Togo), Edit Bauer, Christa Klafß u Peter Craig-McQuaide (Kummissjoni Ewropea)

Il-Membri enfasizzaw l-importanza tal-pastoraliżmu u l-kontribut tiegħu mhux biss għall-ekonomija tal-pajjiżi Afrikani, iżda wkoll għas-setturi importanti bħas-saħħa, l-ambjent u s-sigurtà tal-ikel. Il-Membri enfasizzaw ukoll ir-rwol fundamentali tal-pastoraliżmu bħala stil ta' ħajja u l-assoċjazzjoni tiegħu mal-valuri kulturali u tradizzjonali li tmur lura mijiet ta' snin.

Il-korapporteurs ikkonkludew id-dibattitu.

5. Lejn governanza ġdida għall-finanzjament tal-iżvilupp

Dibattitu mingħajr riżoluzzjoni

i. L-użu tar-riżorsi naturali

Kelliema: Louis Michel, Boniface Yehouetome (Benin), Horst Schnellhardt, Achille Marie Joseph Tapsoba (Burkina Faso), Patrice Tirolien, Joseph Hyacinthe Owona Kono (Kamerun), Fiona Hall, Tesfaye Daba (Etjopja), Michèle Rivasi, Ana Rita Geremias Sithole (Możambik), Slavi Binev, Abdourahamane Chégo (Niġer), Christa Klafß, Adjedoue Weidou (Ċad), Makhosini Hlongwane (Żimbabwe) u Peter Craig-McQuaide (Kummissjoni Ewropea)

Il-Membri stiednu lill-parlamenti jżommu lill-gvernijiet responsabbli sabiex jimmassimizzaw l-benefiċċji għaċ-ċittadini tal-estrazzjoni ta' riżorsi naturali. Huma enfasizzaw ukoll l-importanza taż-żieda tat-trasparenza u tal-promozzjoni ta' governanza tajba sabiex jiġu miġġielda l-korruzzjoni, l-evażjoni tat-taxxa u ħruġ finanzjarju illeċitu ieħor.

ii. Ir-riforma fiskali u r-ridistribuzzjoni tal-ġid

Anthony Mothae Maruping, Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi tal-Unjoni Afrikana, għamel preżentazzjoni dwar ir-riforma fiskali u r-ridistribuzzjoni tal-ġid.

Kelliema: Edit Bauer, Ole Christensen, Niccolò Rinaldi, François Alfonsi, Abdikadir Aden (Kenja), Slavi Binev, Abdourahamane Chégo (Niġer), Virgilio de Fontes Pereira (Angola), Makhosini Hlongwane (Żimbabwe), Louis Michel, Ana Gomes u Peter Craig-McQuaide (Kummissjoni Ewropea)

Il-Membri enfasizzaw l-importanza li jiġu stabbiliti sistemi effikaċi ta' taxxa u infurzar tal-leġiżlazzjoni sabiex jiġi żgurat li jinġabar id-dħul, kontrabilizzat u allokati b'mod effiċjenti u ekwu għall-benefiċċju taċ-ċittadini u għamlu appell għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u inklużiv u l-qerda tal-faqar.

Anthony Mothae Maruping ikkonkluda d-dibattitu.

iii. Il-kooperazzjoni deċentralizzata

Jalal Abdel-Latif, Kummissjoni Ekonomika għall-Afrika tan-NU, għamel preżentazzjoni dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata.

Il-Membri enfasizzaw il-valur miżjud tal-kooperazzjoni deċentralizzata bħala mezz ta' trawwim ta' approċċi parteċipattivi mmirati biex jippromwovu s-sjieda u l-għoti ta' setgħa permezz tal-involviment, pereżempju, tas-soċjetà ċivili fil-varji forom tagħha. Enfasizzaw ukoll il-kontribut importanti li kooperazzjoni bħal din kienet għamlet għat-tnaqqis tal-faqar u l-kisba tal-MDGs, b'inqas riżorsi minn dawk ta' donaturi multilaterali u bilaterali. Madankollu, sabiex tirnexxi l-kooperazzjoni deċentralizzata, kien meħtieġ appoġġ politiku qawwi u dejjiem. L-appoġġ baġitarju deċentralizzat kien enfasizzat bħala strument li jista' jippermetti d-distribuzzjoni tal-għajnuna meta l-appoġġ baġitarju favur il-gvern ċentrali ikun ġie sospiż.

Kelliema: Horst Schnellhardt, Myriam Ouedraogo Zare (Burkina Faso), Norbert Neuser, Catherine Bearder, Abdikadir Aden (Kenja), Ana Rita Geremias Sithole (Możambik), Abdourahamane Chegou (Niġer), Peter Štastný, Selom Klassou (Togo) u Louis Michel

Peter Craig-McQuaide (Kummissjoni Ewropea) għalaq id-dibattitu.

6. Kwistjonijiet varji

Kopresident Louis Michel ħabbar li ż-żewġ Kopresidenti nġhataw l-awtorizzazzjoni biex iżuru ħabs f'Addis Ababa fis-27 ta' Novembru 2013.

(Is-seduta ntemmet fis-18.30)

Joyce LABOSO
Louis MICHEL
Kopresidenti

Alhaj Muhammad MUMUNI u
Luis Marco AGUIRIANO NALDA
Kosegretarji Ġenerali